

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14864/25

CADREFIN 289
FIN 1286
POLGEN 177

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

1. Wara l-preżentazzjoni tal-ewwel blokk ta' elementi possibbli għal abbozz futur ta' Kaxxa ta' Negozjar, il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP QFP) wettaq ħidma intensiva fuq l-elementi bejn parentesi tal-proposti taħt l-Intestatura 1 ("Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura, rurali u marittima, prosperità u sigurtà") matul ix-xahar ta' Ottubru.
2. Abbażi ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Prezidenza ġabret l-aktar elementi politikament sensitivi relatati mal-Intestatura 1 proposta li jkunu jeħtieġu gwida mil-livell politiku.
3. Fix-xahar ta' Novembru, il-Prezidenza qed tippjana li tlesti l-eżami tal-elementi fil-parentesi relatati mal-Intestaturi 3 ("Ewropa Globali") u 4 ("Amministrazzjoni") u mad-dħul fl-AHWP QFP. Il-Prezidenza ser tfejji t-tielet blokk ta' elementi possibbli għal abbozz futur ta' Kaxxa ta' Negozjar fuq dik il-bażi.

4. B'mod parallel, tkompli l-ħidma fuq il-proposti settorjali kollha fis-sottogruppi responsabbli tal-AHWP QFP u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill.
5. Il-Presidenza beħsiebha tħejji l-ewwel abbozz ta' Kaxxa ta' Negozjar li jkopri l-elementi orizzontali politikament sensitivi kollha tal-pakkett tal-QFP għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali f'Diċembru qabel il-Kunsill Ewropew.
6. L-abbozz tal-Kaxxa ta' Negozjar u kull element elaborat fit-tnejn tiegħu huma mfasla u żviluppati taħt ir-responsabbiltà unika tal-Presidenza. Dawn mhuma vinkolanti għal eba delegazzjoni.

II. MISTOQSJIET GĦALL-MINISTRI

7. Il-Presidenza ħadet nota tal-kummenti magħmula mid-delegazzjonijiet matul id-diskussjonijiet ta' tnejn. F'dan l-isfond, il-Ministri huma mistiedna jikkonċentraw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin fir-rigward tal-Intestatura 1 tal-proposta tal-QFP:

Kif jistgħu l-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali jkunu involuti b'mod xieraq fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali futuri?

Kif jista' l-appoġġ tal-politiki li jirriżultaw mill-obbligi tat-Trattat jingħata viżibbiltà akbar taħt il-Pjanijiet filwaqt li tiġi ppreservata l-ambizzjoni ġenerali tas-simplifikazzjoni u l-aġilità?